# Lectio Divina
# Il-5 Ħadd tar-Randan
# Sena Ċ

## Ġw 8:1-11

Din is-silta minn *Ġw* għandha storja kkumplikata u kontroversjali. Numru ta' kummentaturi tar-raba' vanġelu fiż-żmien patristiku u medjevali ma jafux biha, u f'xi manuskritti daqqa tidher fi *Ġw*, daqqa f'*Lq*. Frott din l-inċertezza dwarha xi wħud fil-Konċilju ta' Trentu riedu jneħħuha mill-vanġeli kanoniċi, iżda ttieħdet deċiżjoni favur il-kanoniċità tagħha. Studju posterjuri jikkonfermaw dan, flimkien mal-valur storiku tagħha. Stilistikament hija barranija għal *Ġw* u tixbaħ iktar lil *Lq* kemm fl-istil u fil-kontenut, partikularment iċ-ċentralità tal-ħniena ta' Alla f'Ġesù. Diversi jindetifikaw il-post oriġinali tagħha fl-aħħar ta' *Lq* 21: *"Matul il-jum Ġesù kien joqgħod jgħallem fit-tempju, iżda fil-għaxija kien joħroġ barra mill-belt lejn l-Għolja taż-Żebbuġ biex jgħaddi l-lejl hemmhekk. Fil-għodu mbagħad il-poplu kollu kien imur kmieni fit-tempju biex jisimgħu."* (v. 37-38).

Madanakollu il-qagħda tagħha fi *Ġw* mhijiex bl-addoċċ. F'kap 7 Ġesù jakkuża lill-Fariżej: *"Il-Liġi mhux Mosè tahielkom? U madankollu ħadd minnkom ma jħares il-Liġi. Għaliex qegħdin tfittxu li toqtluni?"* (v. 19). Għalhekk jistedinhom biex jagħmlu l-ħaqq skont is-sewwa u mhux skont dak li jidher fl-għajnejn. Kap. 8 jiżvolġi fil-kuntest ta' diskussjoni dwar il-liġi u d-dnub fejn Ġesù jtenni: *"Intom il-ħaqq tagħkom tagħmluh ta; bnedmin li intom; jien ma nagħmel ħaqq minn ħadd"* (v. 15). Is-silta tal-adultera hija għalhekk sors storiku miġjub fi *Ġw* li joffri eżempju mill-aqwa tal-kuntrast bejn il-ġudizzju tal-bniedem u ħaqq magħmul skont is-sewwa mill-Iben ta' Alla.

**v. 1-2: Ġesù telaq lejn l-Għolja taż-Żebbuġ. Imma l-għada qabel is-sebħ raġa' mar fit-tempju, u l-poplu kollu ġie ħdejh, u hu qagħad bilqiegħda jgħallimhom.**

Tidher l-awtorità ta' Ġesù bħala profeta. Filwaqt li ftit qabel il-qassisin il-kbar u l-Fariżej ifittxu fl-Iskrittura biex jipprovaw jikkonfermaw li ma jistax ikun li Ġesù huwa profeta (ara 7,52), il-fatti juru mod ieħor. Ġesù bħala Iben Alla jqis it-tempju bħala d-dar naturali tiegħu, u l-poplu juri l-għatx tiegħu billi jmur għand Ġesù qabel is-sebħ. Ġesù joqgħod bilqiegħda *"għax beda jgħallimhom bħal wieħed li għandu s-setgħa u mhux bħall-kittieba"* (*Mk* 1, 22). Quddiem l-evidenza ta' dak li qed iseħħ, wasal ukoll il-mument tal-għażla: dawk li jagħżlu li jimxu wara d-dawl u dawk li jibqgħu fid-dlam (ara *Ġw* 8, 12-20).

**v. 3-5: Imbagħad il-kittieba u l-fariżej ħadulu quddiemu waħda mara li kienet inqabdet fl-adulterju. Huma qegħduha fin-nofs u qalulu: "Mgħallem, din il-mara nqabdet fil-fatt fl-adulterju. Issa fil-Liġi tagħna Mosè ordnalna biex nisa bħal dawn inħaġġruhom. Int, imma, xi tgħid?"**

Filwaqt li l-folla tiġi biex tisma' lil Ġesù, il-kittieba u l-fariżej mhumiex interessati mis-smigħ. Huma lsiera tal-gideb li qegħdin jgħixu. L-istedina ta' Ġesù hija bil-kontra ta' dan: *"Jekk iżżommu fil-kelma tiegħi, tkunu tassew dixxipli tiegħi,u tagħrfu l-verità u l-verità teħliskom."* (8, 31-32). Il-każ ta' din il-mara jappella għal *Lev* 20, 10 u *Dt* 22, 22: il-piena tal-mewt li hija kkontemplata f'dawn il-każijiet turi l-qdusija tar-rabta taż-żwieġ u l-gravità tal-adulterju. Madanakollu, f'dan il-każ il-liġi ta' Mosè ma tiġix applikata kif suppost kemm għaliex tiġi mressqa għall-ħaqq il-mara biss u mhux it-tnejn (kif ordnat fil-Liġi), kif ukoll għaliex l-ikkundannata ma tiġix mismugħa. Din tal-aħħar kienet prassi inġusta tal-kapijiet tal-Lhud, kif indikat minn Nikodemu fil-laqgħa – irrakkuntata ftit qabel – li saret biex jaraw x'se jagħmlu b'Ġesù: *"Jaqaw il-Liġi tagħna tikkundanna lil xi ħadd qabel ma tisma' lilu stess ħalli tkun taf x'inhu jagħmel?"* (7,51). Min jikkundanna lill-ieħor bla ma jkun semgħu ma jkunx qed jagħmel ħaqq skont is-sewwa, u f'dan il-każ tiġi kkonfermata l-kundanna li Ġesù kien għamel ftit qabel lill-fariżej u lill-kittieba li dawn ma jħarsux il-liġi ta' Mosè (ara 7,19). Tintgħażel il-piena tat-tħaġġir għalkemm din mhijiex prevista fil-każ ta' mara miżżewġa. It-tħaġġir għandu warajh psikoloġija partikulari: jitlob is-sehem tal-ġemgħa fit-tfigħ tal-ġebel b'tali mod li ħadd ma jkun responsabbli hu waħdu tal-mewt tal-persuna, imma kulħadd jista' jistkenn f'dak li qed tagħmel il-massa. Iżda quddiem Ġesù kull min sempliċiment qabad il-ġebla se jikxef x'hemm f'qalbu.

**v. 6a: Dan qaluhulu biex iġarrbuh, ħalli jkollhom fuqiex jixluh.**

Jekk ma jaqbilx ma' din il-kundanna ikun qed jikser il-Liġi. Jekk jiddeċiedi favur il-kundanna ikun qed imur kontra l-ħakma Rumana, għax il-ġustizzja Rumana biss setgħet tagħti l-mewt (ara *Ġw* 18,31). Barra minn hekk ikun qed imur kontra l-ħniena li hu innifsu kien jipprietka u jgħix. Ġesù huwa l-veru imputat ta' dan il-proċess, tant li fl-aħħar ta' dan il-kap. naqraw li *"il-Lhud qabdu l-ġebel biex iwaddbuhulu"* (8, 59).

**v. 6b: Imma Ġesù tbaxxa lejn l-art u beda jikteb b'sebgħu fit-trab.**

It-tifsira eżatta ta' dan il-ġest tibqa' mhix magħrufa. Huwa sinjifikattiv il-fatt li l-kittieba u l-Fariżej ġew biex ifakkru l-liġi ta' Mosé lil Ġesù, liġi mnaqqxa fuq twavel tal-ġebel. Ġesù jagħżel li jikteb fit-trab. Jekk kiteb id-dnubiet tal-mara dan seta' jfisser li filwaqt li Alla jnaqqax b'sebgħu stess (ara *Eż* 31,18; *Dt* 9,10) il-Liġi fil-ġebel, Ibnu jagħżel li jikteb id-dnubiet ta' dawk li jiksruha fit-trab b'tali mod li dawn ikunu jistgħu jitħassru. B'hekk Ġesù jkun qed juri l-missjoni tiegħu li jwassal il-liġi għall-perfezzjoni bil-ħolqien ta' bniedem ġdid. Jekk Ġesù kiteb fit-trab l-ismijiet jew id-dnubiet tal-kittieba u l-Fariżej, dan seta' jkun riferiment għall-profezija ta' Ġeremija: *"Dawk li jitbiegħdu minnu fit-trab jinkitbu, għax telqu l-Mulej, l-għajn ta' l-ilma ġieri."* (17, 13). Peress li l-proċess kien kontra tiegħu, Ġesù jikteb l-ismijiet ta' dawk li qed iġarrbuh biex jixluh. Imma anki dawn jinkitbu fit-trab. Anki dawn in-nies jistgħu jikkonvertu.

**v. 7-8: Billi dawk baqgħu jistaqsuh, qam dritt u qalilhom: "Min fostkom hu bla dnub jitfgħalha hu l-ewwel ġebla". U raġa' tbaxxa jikteb fit-trab.**

Ġesù jikkonferma l-Liġi li tgħid li x-xhud li jaqbad lill-ħati għandu jkun l-ewwel wieħed li jħaġġru (ara *Dt* 13, 9-10; 17,7), imma jżid il-kundizzjoni li dan għandu jkun bla ħtija. Ġesù jikkonferma l-awtorità morali li għandu. Hu waħdu huwa bla dnub (ara 2*Kor* 5,21; *Lhud* 4,15; 1*Ġw* 3,5) u għandu l-awtorità li jikkundannaha. Min-naħa l-oħra l-bnedmin kollha huma midinbin (ara *Rum* 3,23); filwaqt li tista' tiġi mogħtija lilhom is-setgħa minn Fuq (ara *Ġw* 19,11) li japplikaw il-liġi, il-kundanni tagħhom ħafna drabi ikunu espressjoni tad-dnub mhux magħruf tagħhom u tad-dlam li hemm f'qalbhom. L-għażla ta' Ġesù tmur 'l hemm mil-liġi ta' Mosé *"Alla ta l-Liġi permezz ta' Mosè, imma l-grazzja u l-verità seħħu permezz ta' Ġesù Kristu."* (1,14).

**v. 9: Kif semgħuh jgħid dan, qabdu u telqu wieħed wara l-ieħor, ibda mix-xjuħ u Ġesù baqa' waħdu mal-mara, wieqfa fin-nofs.**

Huma hu jitbiegħdu wieħed wieħed, il-kittieba u l-Fariżej mhux biss ma jikkundannawx lill-mara, imma jitbiegħdu mill-Kelma ta' Alla u juru fil-pubbliku li qalbhom mhijiex lesta għas-smigħ. Filwaqt li l-mara li huma ġabu quddiem Ġesù biex tiġi ikkundannata tibqa' miegħu u tmur lura maħfura, id-dnub tagħhom jibqa', kif se jiddikjara Ġesù f'9,41. Jekk min-naħa Ġesù ma jikkundanna lil ħadd, min-naħa l-oħra l-preżenza tiegħu minnha nnifisha twassal biex isir ġudizzju (ara 8, 15-16). Il-ġudizzju huwa dak li l-bniedem jagħmel fuqu stess, meta jirrifjuta li jisma' l-Kelma ta' Alla. Dan huwa d-dnub fil-veru sens tal-kelma. *"Min jemmen fih ma jkunx ikkundannat; iżda min ma jemminx huwa ġa kkundannat, għax ma emminx fl-isem ta' l-Iben il-waħdieni ta' Alla."* (3, 17-18).

**v. 10-11: Qam dritt u qalilha: "Dawk fejnhom, mara? Ħadd minnhom ma kkundannak?". "Ħadd, Sinjur", qaltlu. "Mela anqas jien ma nikkundannak", qalilha Ġesù. "Mur, u mil-lum 'il quddiem tidnibx iżjed".**

Għadna djalogu li jantiċipa l-kliem ta' wara l-qawmien: Ġesù jsejjħilha bħalma jsejjaħ lil Mirjam ta' Magdala (ara 20, 14), u hi ssejjaħlu bħad-dixxiplu l-maħbub fuq il-baħar ta' Tiberija (ara 21, 7). Din il-mara inġabet quddiem Ġesù bħala l-ħażen f'nofs Iżrael li jrid jiġi meqrub – kif kienet tgħid il-Liġi (ara *Dt* 17,7; 19,19, 21,21; 22,24). Minflok Ġesù juri li l-uniku mod kif jinqered il-ħażen hu l-laqgħa mal-ħniena ta' Alla murija fih. Hu jeħles lil dik il-mara u jħallas għall-fidwa tagħha u ta' kull midneb fuq is-salib (ara *Iż* 53, 4-5).